

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' April 2012 — HTTS vs Il-Kunsill**

(Kawża T-182/12)

(2012/C 174/47)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: HTTS Hanseatic Trade Trust & Shipping GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Kienzle u M. Schlingmann, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010, sa fejn huwa jikkonċernaha;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

(1) L-ewwel motiv: ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti

- Ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill kiser id-dritt tagħha għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u, b'mod partikolari, l-obbligu ta' motivazzjoni, sa fejn huwa ma mmotivax suffiċċientement l-inklużjoni mill-ġdid tar-rikorrenti fil-lista tal-persuni, korpi u entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi skont l-Artikolu 23 tar-regolament ikkontestat.
- Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Kunsill kiser id-dritt għal smiġħ tagħha, sa fejn hija ma kellhiex l-okkażjoni tesprimi l-fehma tagħha qabel ma ġiet inklużja mill-ġdid fil-listi ta' sanzjoni u għalhekk ma setgħetx tinċi ta' lill-Kunsill sabiex dan jirrevedi l-lista.

(2) It-tieni motiv: inklużjoni mill-ġdid tar-rikorrenti fil-listi ta' sanzjoni infodata

- Ir-rikorrenti ssostni li l-motivi mressqa mill-Kunsill ma jiġiustifikawx l-inklużjoni tagħha mill-ġdid fil-listi ta' sanzjoni, u huma, fil-kontenut tagħhom, foloz. Ir-rikorrenti tgħid, b'mod partikolari, li ma hijiex taħt il-kontroll ta' IRISL.
- Skont ir-rikorrenti, l-inklużjoni tagħha fil-listi ta' sanzjoni hija bbażata fuq evalwazzjoni manifestament żbaljata, magħmula mill-Kunsill, tas-sitwazzjoni u tal-aktivitajiet tagħha.

- (3) It-tielet motiv: ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għar-riġpett ta' proprjetà

— Ir-rikorrenti ssostni li l-inklużjoni tagħha mill-ġdid fil-listi ta' sanzjoni tikser mingħajr ġustifikazzjoni d-dritt fundamentali tagħha għall-proprijetà, peress li hija ma tistax tifhem, minħabba l-motivazzjoni insuffiċċenti tal-Kunsill, għal liema raġunijiet hija għet inklużja mill-ġdid fil-lista tal-persuni ssanzjonati.

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti tqis li l-inklużjoni tagħha fil-listi ta' sanzjoni tikser mingħajr ġustifikazzjoni d-drittijiet tagħha ta' proprijetà u li ma hijiex, manifestament, xierqa sabiex tilħaq l-għanijiet tar-regolament ikkontestat. F'kull każ, ir-rikorrenti tqis li l-inklużjoni tagħha tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet.

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' April 2012 — HUK-Coburg vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-185/12)

(2012/C 174/48)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: HUK-Coburg Haftpflicht-Unterstützungs-Kasse kraftfahrender Beamter Deutschlands a.G. in Coburg (Coburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Birnstiel, H. Heinrich u A. Meier, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-23 ta' Frar 2012, li ċaħdet l-applikazzjoni tar-rikorrenti ta' aċċess għal ċerti dokumenti fi proċeduri dwar akkordji (COMP/39.125 — Carglass);
- tikkundanna lill-konvenuta tbatil l-ispejjeż tagħha u dawk sostnuti mir-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv: nuqqas ta' eżami ta' dokumenti individwali li saret applikazzjoni għalihom

Permezz tal-ewwel motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni ma kinitx ibbażata fuq evalwazzjoni konkreta u individwali ta' kull dokumenti individwali. Skont ir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq kunsiderazzjoni żbaljata fid-dritt, li f'din il-kawża hemm preżunzjoni ġenerali li għandha tiġi applikata eċċeżżjoni.